# Diskors tas-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef fl-okkażjoni tal-Bidu tas-Sena Forensi 2007-2008

Eċċellenza, Onorevoli Segretarju Parlamentari, Kollegi Imħallfin u Maġistrati, Prim Imħallfin Emeriti, Sur President tal-Kamra, Sur Avukat Ġenerali, Sinjuri Avukati u Prokuraturi Legali, Sinjuri:

Sur President, kif tajjeb għadek kif osservajt inti fid-diskors tiegħek, fil-kamp ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja it-tragward huwa wieħed eluživ għall-aħħar, u dan forsi bir-raġun għax wara kollox aħna f'din id-dinja, u allura anke f'dan l-edifizzju, namministraw ġustizzja umana li hi, min-natura tagħha, waħda fallibbli. L-atturi kollha involuti fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja – ġudikanti, avukati, il-partijiet fil-kawża, ix-xhieda, l-impjegati tal-qorti, l-amministrazzjoni li tipprovdi l-mezzi biex il-ġustizzja tiġi amministrata, il-Parlament li jipprovdi l-qafas legali – dawn kollha għandhom mhux biss l-esiġenzi partikolari tagħhom, ħafna drabi konfliġġenti, iżda għandhom ukoll il-preġudizzji tagħhom. Kull min jidhirlu, tajjeb jew ħażin, li għandu raġun u jirrikorri quddiem il-qrati jippretendi li jingħata smigħ malajr kif ukoll jippretendi li jingħata raġun malajr, u din hija pretensjoni fiha nnifisha ġustifikata. Ftit jimpurtah, sfortunatament, li r-riżorsi, inkluż il-ħin, huma limitati. Min, mill-banda l-oħra, ikun jaf li m'għandux raġun, ġie li jipprova jtawwal biex forsi l-ġurnata tal-ġudizzju jirrimandaha 'l-bogħod kemm jista' jkun, mingħajr ma jirrealizza li, bħal fil-każ tat-tmiem tal-ħajja tal-bniedem, *tardare si, scappare no*. Dan kultant isib ukoll xi avukat li, kontra kull prinċipju ta' etika professjonali, jara kif jeskoġita d-diffikultajiet u l-problemi legali u *pseudo*-legali kollha biex dak li hu dovut lill-parti rebbieħa jibqa' ma jingħatax lilha – allura tara kawża, apparentement ċara fil-portata tagħha u fil-mod kif għandha tiġi deċiża, li, kontra kull aspettattiva tiġi appellata; u meta l-appell jiġi miċħud, possibilment anke bl-ispejjeż doppji kontra l-appellant, issir talba għal ritrattazzjoni; u meta r-ritrattazzjoni tiġi miċħuda ifaqqas xi mandat ta' inibizzjoni kontra l-esekuzzjoni tas-sentenza (rajna sfortunatament ukoll affarijiet bħal dawn) jew kawża kostituzzjonali fuq l-iċken pretest. Nagħmilha ċara li n-numru ta' avukati li, jipprestaw ruħhom għal dawn l-affarijiet tgħoddhom fuq il-ponot tas-swaba' ta' id waħda. Min ikun involut f'kawża biss indirettament – qed nirreferi għax-xhieda – il-kawża jaraha ħela ta' żmien għalih u ħafna drabi (u xi mindaqqiet

bir-raġun) tkun għalih esperjenza ta' frustrazzjoni speċjalment jekk jitħarrek ripetutament u ripetutament ma jinstemax. Il-ġudikant, mgħobbi b'numru ta' kawżi li kollha jirrikjedu l-attenzjoni tiegħu, jipprova jara kif ser iqassam il-ħin biex jagħti smigħ lil kulħadd u jamministra l-ġustizzja bl-aħjar mod li jista', jagħżel dawk fost il-kawżi li hu jidhirlu li huma l-aktar urġenti minn dawk li jidhirlu li huma anqas urġenti, u jipprova xi mindaqqiet ukoll jantiċipa l-kumplikazzjonijiet li l-partijiet stess jitfgħulu fi triqtu. L-impjegati tal-qorti li, kif tajjeb għidt inti, xi wħud minnhom jagħmlu l-mirakli, għal diversi raġunijiet jinbidlu, u mhux dejjem issib li l-impjegat il-ġdid inagħta t-taħriġ meħtieġ għal xogħolu, b'mod li jispiċċa jbati l-ġudikant u, finalment, il-partijiet fil-kawża. Dawk fost l-impjegati tal-qorti li huma verament dedikati – u fil-fehma tiegħi l-maġġoranza huma hekk dedikati – bħal kull minn jaħdem fiċ-ċivil isibu ma' wiċċhom il-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet li l-burokrazija taċ-ċivil biss taf toħloq, u xi wħud – sfortutatament, fil-fehma tiegħi, minoranza – jaqtgħu qalbhom. L-amministrazzjoni tal-qorti, li f'dawn l-aħħar snin ikolli nammetti tjiebet ħafna, xorta trid tiffunzjona fil-qafas tas-servizz ċivili ġenerali, bil-limitazzjonijiet kollha fir-reklutaġġ u fid-disponibilita` ta' fondi. Il-Parlament, li naħseb li naqblu lkoll għandu rwol vitali fil-ħajja demokratika, meta jgħaddi ċerti liġijiet ikun qed jipprova jirranġa certi anomaliji u jtejjeb l-affarijiet, pero` fejn tidħol il-proċedura tal-qorti mhux l-ewwel darba li rajna li l-att leġiżlattiv isolvi problema jew tnejn, pero` fl-istess nifs joħloq oħra jew oħrajn li ma jkunux ġew antiċipati biżżejjed bħala konsegwenza ta' dik l-emenda. Dan kollu qed ngħidu għax faċli li wieħed jikkritika – kemm inti, sur President, u kemm jiena. L-importanti hu li nkunu dejjem sajaqna ma' l-art, ma niġġeneralizzawx, u nipprovaw niffokaw fuq dawk l-affarijiet li huma verament l-aktar essenzjali billi nagħmlu l-prijoritajiet tagħna. Wara kollox naħseb li lkoll naqblu li mhux biss ir-riżors tal-ħin huwa limitat, imma anke dak tal-flus. Ili issa Prim Imħallef minn Awissu 2002 – u xi ħadd reċentement fakkarni kemm, jekk il-Mulej jagħtini s-saħħa, għad baqgħalhom x'jissaportuni l-avukati u l-membri tal-ġudikatura li huma iżgħar minni, illum il-maġġoranza kbira tagħhom! Ilni issa ħames snin nara u dejjem nirrevedi l-pjanti għall-uffiċini l-ġodda għall-Imħallfin u l-Maġistrati li huma ppjanati fid-dar li kienet ta' l-Imħallef Montanaro Gauci fi Triq l-Ifran. L-Imħallfin u l-Maġistrati, naturalment, jixtiequ li jkollhom ambjent aktar deċenti fejn jistgħu jaħdmu, u mhux bħalma hi s-sitwazzjoni issa, b'kulħadd sparpaljat 'l hawn u 'l hinn fi kmamar "di fortuna" li d-Direttur Ġenerali jirnexxilu joħloq kull darba li tqum il-ħtieġa ta' uffiċċju jew segrieta ġdida,

kmamar li xi wħud minnhom lanqas għandhom aċċess separat mill-postijiet fejn ikun hemm il-pubbliku. Pero` nista' verament ngħid, sur President, kif għidt inti, jekk nagħmel idejja fuq sidri, li din tal-kmamar aħjar għandha tieħu preċedenza fuq kollox? Ovvjament le. Nibqa' għan-nom ta' sħabi ninsisti li jkollna uffiċini aħjar, għax ħaġa bħal din tgħin anke indirettament għal skopijiet oħra bħalma huwa r-reklutaġġ għall-bank tal-ġudikatura; pero` l-prijoritajiet għalina l-ġudikanti nemmen li għadhom tnejn, u dwarhom ili nisħaq għal dawn l-aħħar ħames snin: (1) l-ewwel prijorita` hija dik ta' aktar effiċjenza fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex jonqos iż-żmien minn meta tibda kawża sa meta tiġi determinata definittivament, u it-tieni (2) li jkun hemm mhux biss indipendenza kostituzzjonali iżda wkoll istituzzjonali bejn il-Ġudikatura u l-Eżekuttiv. Ħafna mill-punti li ser insemmi jaqgħu taħt waħda jew oħra minn dawn iż-żewġ temi prinċipali.

Ma hemmx dubbju li anke s-sena li għaddiet bqajna nirreġistraw progress b'mod ġenerali f'dak li huwa t-tnaqqis tal-*backlog* ta' kawżi f'ħafna mill-qrati u awli, b'ħafna mill-qrati jaqtgħu kawżi f'numru aktar milli daħlu kawżi ġodda. Ma jfissirx li b'hekk għandna nkunu kuntenti jew ngħidu li ma hemm xejn aktar x'wieħed jagħmel – altru milli hekk! F'ċerti awli n-numru ta' kawżi li ilhom pendenti għas-sentenza għal żmien konsiderevoli għandu inkwjetanti – u mhux qed nirreferi għal fejn ikun hemm nofs tużżana kawżi jew ftit aktar li jkunu mwaħħlin, xi mindaqqiet għax il-partijiet ikunu tilfu interess fihom, iżda fejn hemm numru konsiderevoli. Dan huwa aktar inkwjetanti fejn si tratta ta' kawżi penali, speċjalment kawżi penali sommarji. Pero` b'mod ġenerali qed tidħol il-mentalita` li kawża tappuntaha bil-ħin, ikun hemm ċertu rigorożita` f'dik li hija l-proċedura adoperata għas-smigħ tal-provi, u l-kawża titħalla għas-sentenza. Jekk wieħed iħares lejn l-istatistika ppubblikata – u hawn irrid dejjem nenfasizza li din l-istatistika ma tinkludix il-mijiet ta' rikorsi, ħafna drabi importanti ħafna, bħal per eżempju fil-Qorti tal-Familja, li kull ġudikant irid jieħu konjizzjoni tagħhom, li xi wħud minnhom jistgħu jeħdulek żmien daqs kawża – l-istatistika turi li fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-aħħar tnax-il xahar ġew deċiżi 976 kawża. Dawn huma biss kawżi li jew jibdew bħala kumpilazzjonijiet u l-Avukat Ġenerali jirrendihom sommarji wara li jkunu nġabru l-provi jew kawżi li għalkemm suppost issir kumpilazzjoni, l-Avukat Ġenerali, bi qbil ma' l-imputat, jagħmilhom sommarji mill-bidu. Fi kliem ieħor, ma' dawn id-976 kawża jridu jiżdiedu dawk il-mijiet l-oħra hekk imsejħa "tad-distrett" jew li jaqgħu

taħt xi kategorija bħal VAT, ETC, Sanita` eċċ… Dan qed insemmih għax nixtieq li kulħadd japprezza l-volum enormi ta' xogħol li hemm fil-Qorti tal-Maġistrati speċjalment fil-kompetenza kriminali tagħha. Il-kawżi tal-VAT waħedhom, per eżempju, iridu prattikament maġistrat għalihom biss. Il-Maġistrati kollha – anke dawk li huma assenjati għall-kawżi ċivili – jagħmlu l-għassa u għalhekk mhux biss iridu jirrediġu l-proċessi verbali dwar l-inkjesti li jkollhom jikkonduċu, iżda llum jispiċċaw iqattgħu ħin mhux ħażin fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija in konnessjoni ma' *identification parades* u proċeduri oħra. Aktar kmieni din is-sena apprezzajt ħafna l-ġest ta' diversi Maġistrati li kif appena saru jafu bi problema li kienet inqalgħet fir-rigward tal-kawżi hekk imsejħa ta' l-ETC, minn rgħajhom iddeċidew li jieħdu kull wieħed u waħda minnhom numru minn dawn il-kawżi b'żieda max-xogħol kollu li diġa` kellhom. Li ġara kien li ħafna minn dawn il-kawżi – 'l fuq minn elf – kienu baqgħu fil-limbu minħabba nuqqas ta' ko-ordinazzjoni bejn l-ETC u l-Pulizija, baqgħu ma ġewx ippreżentati fir-Reġistru, u xi ħadd ftakar fihom biss meta rrealizza li l-perjodu tal-preskrizzjoni kien qed joqrob. Għalhekk f'daqqa waħda l-maġistrat li mingħaliha li kellha xi mitejn kawża ta' l-ETC sabet ma' wiċċha f'ħakka t'għajn 'il fuq minn elf oħra. Hija din l-attitudini li nispera li tibqa' tiġi koltivata, cioe` ta' ko-operazzjoni bejn id-diversi ġudikanti – ko-operazzjoni u għajnuna li, tajjeb li wieħed jgħid, ħafna drabi anqas ma nkun naf biha jien stess ħlief ħafna wara, għax mhux l-ewwel darba li meta maġistrat ikun f'diffikulta` minħabba l-volum ta' xogħol, maġistrati sħabu jidħlu jgħinuh fil-għassa jew f'xi qasam ieħor li ma jkunx jirrikjedi l-intervent tiegħi għal dik li hi assenjazzjoni ta' doveri.

Fir-rigward tal-kawżi penali nixtieq nissenjala tliet affarijiet li wieħed għandu jżomm taħt osservazzjoni. L-ewwel nett, kemm ilu li ġie estiż id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati, kien hemm żieda qawwija fin-numru ta' appelli introdotti fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri. Biex ma niġix fra intiż, mhux qed ngħid li ma kellux jiġi estiż id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali -- anzi pjuttost l-istatistika turi, min-numri ta' appelli ta' l-Avukat Ġenerali li ġew milqugħa mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li l-estensjoni ta' dan id-dritt kienet oġġettivament ġustifikata -- pero` jibqa' l-fatt li n-numru ta' appelli żdied b'aktar mid-doppju, b'mod li spiċċajt jien kelli nerġa' nidħol biex nagħmel minn dawn l-appelli, oltra dawk ta' Għawdex li kont bqajt inżomm. Wieħed irid iżomm f'moħħu li t-tliet Imħallfin li huma assenjati jisimgħu dawn l-appelli – l-Imħallef Galea Debono u

l-Imħallef Scicluna, li bejniethom jieħdu l-maġġoranza tagħhom, u jien – ilkoll għandhom qrati oħra li jippresjedu u doveri oħra. L-istess ġara bl-atti ta' akkuża fil-Qorti Kriminali. Wara ri-organizzazzjoni li seħħet xi xhur ilu fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali, in-numru ta' atti ta' akkuża spara 'l fuq, u llum l-istat tela' għal xi 60 att ta' akkuża pendenti. Dan mhux qed ngħidu biex nallarma jew biex nipprova niġġustifika ħaġa jew oħra; pero` tajjeb li din is-sitwazzjoni inżommuha taħt osservazzjoni sew għax jista' jagħti l-każ li jkollna nirrevertu għas-sitwazzjoni li konna fiha lejn tmiem id-disgħinijiet fejn kien hemm żewġ imħallfin jagħmlu l-ġurijiet regolarment – ħaġa li tkun tirrikjedi mhux biss li jkun hemm awla oħra disponibbli u *backup staff* adegwat, iżda anke prosekuturi biżżejjed mill-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali. Bħalissa m'għandix imħallef ieħor x'nassenja biex jagħmel il-ġurijiet regolarment.

It-tieni ħaġa li nixtieq li lkoll naħsbu sew fuqha u nippruvaw insibu soluzzjoni għaliha hija dik tad-dewmien fil-kumpilazzjonijiet. Fil-fehma tiegħi hu inaċċettabbli li fil-kors ta' kumpilazzjoni fuq medda ta', per eżempju, ħames xhur, jinstemgħu tnejn jew tliet xhieda biss. Ir-regola hi, u għandha tibqa', li l-kumpilazzjoni tingħalaq entro t-terminu ta' xahar (prororabbli għal massimu ta' tliet xhur mill-President ta' Malta), u r-rinviju għas-smigħ ta' aktar provi jkun l-eċċezzjoni, u dan indipendentement minn jekk l-imputat ikunx ingħata l-ħelsien mill-arrest jew le – għalkemm il-problema taċċentwa ruħha meta, għal xi raġuni, ma jkunx jista' jingħata jew ma jkunx indikat li jingħata tali ħelsien mill-arrest. Il-kumpilazzjoni bl-istilliċidju mhux biss taħli ż-żmien tal-Qorti iżda anke ta' l-istess uffiċċjali tal-Pulizija li jkunu qed imexxu l-prosekuzzjoni. Jien mhux ser nipprova hawn u llum nipponta subgħajja lejn xi ħadd, għax konvint li l-problema hija bażikament waħda ta' attitudini u ta' nuqqas ta' ko-ordinament bejn kull min hu involut f'dawn il-kumpilazzjonijiet, iżda tajjeb li nipprovaw naraw ilkoll kemm aħna x'nistgħu nagħmlu biex intejbu s-sitwazzjoni f'dan ir-rigward.

L-aħħar punt li xtaqt insemmi huwa għar-rigward tal-kawżi hekk imsejħa "tad-drogi". Dawna wkoll żdiedu b'mod allarmanti, anke dawk hekk imsejħa "sommarji", jiġifieri fejn l-Avukat Ġenerali jkun iddeċieda mill-ewwel li l-kawża tiġi deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati flok ma jippreżenta att ta' akkuża fil-Qorti Krminali. M'għandnix ninsew li aħna effettivament għandna diġa` "drugs court", cioe` qorti li tiffoka fuq każijiet ta' reati ta' droga, u dan billi dawn il-kawżi sommarji jinstemgħu kollha minn

Maġistrat wieħed. Uħud mill-akkużati f'dawn il-kawżi qed jitressqu l-Qorti xhur, u xi mindaqqiet snin, wara li jkun ġew arrestati u investigati. Dan qed joħloq mhux biss konġestjoni f'dawn il-kawżi, iżda anke sens ta' inġustizzja speċjalment fejn ikollok żgħażagħ li wara l-ewwel kuntatt mal-pulizija jkunu biddlu r-rotta kompletament. Wisq nibża' li s-soluzzjoni li qed tiġi proposta f'ċerti ambjenti – li jkun hemm struttura differenti minn dik eżistenti, possiblment bl-involviment aktar attiv ta' *social workers* u speċjalisti oħra – tkun biss tibdila kożmetika li aktar ittawwal iż-żmien bejn li wieħed ikollu l-ewwel kuntatt mal-ġustizzja sad-deċiżjoni finali tal-Qorti.

Kwantu għall-indipendenza istituzzjonali tal-fergħa Ġudizzjarja minn dik Eżekuttiva, f'dawn l-aħħar xhur rajna l-introduzzjoni ta' emendi interessanti li, jekk imħaddma sew, jistgħu verament ikomplu jgħinu mhux biss ikun hemm anqas indħil f'dak li hu *the day to day running* tal-qrati mill-Eżekuttiv, iżda wkoll biex jassiguraw aktar minn qatt qabel li l-Eżekuttiv ma jkunx jista', anke jekk biss indirettament, jinfluwenza l-eżitu ta' xi kawża. Fir-surrogi wara astensjoni jew rikuża kif ukoll fl-assenjazzjoni tad-dmirijiet tal-maġistrati tneħħiet il-ħtieġa ta' l-intervent tal-President ta' Malta, u dawn l-affarijiet issa huma regolati esklussivament mill-ġudikatura. Hekk ukoll, it-tqassim tal-kawżi bejn il-ġudikanti ġie reż aktar flessibbli, u jiena ngħatajt għal dan il-għan l-għajnuna kemm ta' Maġistrat Anzjan – din il-figura, sa ftit ġimgħat ilu, kienet tissemma' biss fil-Kodiċi ta' l-Etika għall-Ġudikanti – tal-Presidenti ta' Sezzjonijiet tal-Qorti kif ukoll, fir-rigward tas-surrogi meta jien inkun impedut milli nagħmilhom, ta' Imħallef Anzjan Amministrattiv. Dawn l-emendi daħlu fil-bidu tas-sajf, u m'għandix dubbju li fil-ġimgħat li ġejjin, b'konsultazzjoni mal-ġudikanti konċernati, wieħed isib mod aktar razzjonali u li jippromwovi effiċjenza kif il-kawżi jistgħu jibdew jiġu assenjati bejn id-diversi imħallfin u maġistrati sedenti fl-istess qorti minflok bil-mod tar-*roster* li jimmilta kontra l-ispeċjalizzazzjoni. Interessanti wkoll li fost dawn l-emendi, għall-ewwel darba l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jsemmi speċifikatament il-*Judicial Studies Committee* – kif kien irrakkomanda l-Imħallef William Rose fir-rapport tiegħu dwar it-twaqqif ta' tali kumitat – b'mod li dan il-Kumitat ġie rikonoxxut uffiċċjalment u jista' jiġi, kif effettivament ġa` ġie, allokat fondi biex ikun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu. Naf ukoll li fil-jiem li ġejjin għandhom isiru emendi fir-regolamenti relattivi sabiex l-Assistenti Ġudizzjarji, li għandhom ikunu l-kollaboraturi intimi tal-ġudikanti, ma jibqgħux jiġu kkunsidrati bħala *court executive officers*, kif ukoll emenda oħra, li tkun tagħti s-

setgħa lill-Prim Imħallef li jirrevoka deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali jekk din, fil-fehma tal-Prim Imħallef, tkun b'xi mod tinterferixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji ta' xi membru tal-Ġudikatura. Aktar kmieni din is-sena ġie ffinalizzat l-abbozz li jikkonsolida r-Regoli tal-Qorti sabiex dan id-dokument wieħed ikun jiġbor fih kollox, flok ir-regoli jibqgħu sparpaljati f'diversi Notifikazzjonijiet tal-Gvern u Avviżi Legali. Nixtieq hawnhekk nirringrazzja pubblikament lill-Imħallef Micallef u lill-Avukat Dott. Kevin Aquilina ta' l-għajnuna li tawni f'dan ir-rigward, u lis-Segretarju Parlamentari ta' l-appoġġ li tagħni meta jiena wrejt ix-xewqa li dawn ir-regoli jkunu magħmula mill-Bordijiet tar-Regoli – fejn hemm rappreżentanza kemm ta' l-Avukati u tal-Prokuraturi Legali – u mhux minnu direttament. Dawn ir-regoli huwa maħsub li jipprovdu, fost affarijiet oħra, għall-*pre-trial hearings*; u kif appena jkollna n-numru u l-kwalita` meħtieġa ta' Assistenti Ġudizzjarji, l-abbozz ikun jista' jiġi diskuss mal-ġudikanti informalment u wara jitqiegħed għall-approvazzjoni, naturalment b'emendi jekk hemm bżonn, tal-Bordijiet imsemmija. Nittama f'dan ir-rigward li s-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-mili tal-vakanzi ta' Assistenti Ġudizzjarji – u reċentement għal diversi raġunijiet naqsulna diversi – ma tinċampax fil-burokrazija ta' Ċivil bħalma ġara b'applikazzjonijiet oħra konnessi ma' ħatriet oħra fid-Diviżjoni tal-Qrati.

Pero` l-liġijiet ma humiex kollox, għax fir-realta` ħafna jiddependi wkoll mir-relazzjoni ta' rispett riċiproku li l-istituzzjonijiet jirnexxilhom joħolqu bejniethom. Naħseb li ma nkun qed niżvela ebda sigriet jekk ngħid li f'dawn l-aħħar ftit snin irnexxilna nistabilixxu bejn l-uffiċċju tiegħi u l-uffiċċju tiegħek, Sur Segretarju Parlamentari, kodiċi ta' kondotta informali li għen biex ħadd ma jinġerixxi fil-għalqa ta' ħaddieħor u biex ma jkunx hemm anqas l-apparenza ta' xi favoritiżmu da parti ta' l-Eżekuttiv fir-rigward ta' xi membru tal-Ġudikatura. Dan kien meħtieġ li jsir anke minħabba ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodici ta' l-Etika għall-Ġudikanti. Waħda minn dawn ir-regoli li stabbilejna hija li l-Ministru jew Segretarju Parlamentari ma jitkellimx ma' ġudikanti partikolari dwar xi problemi li jista' jkun hemm f'awla jew f'qorti partikolari, iżda li kollox jiġi inkanalat mill-uffiċċju tal-Prim Imħallef. Hekk ukoll l-Eżekuttiv ma jinnominax direttament huwa membri tal-Ġudikatura biex jattendu laqgħat u konferenzi, f'Malta jew barra minn Malta, fejn l-Istat Malti jkun ġie mistieden li jinnomina xi ġudikant, jew fuq bordjiet jew kummissjonijiet mhux statutorji – in-nomina llum issir ukoll mill-Prim Imħallef. F'dik li hi n-nomina ta'

Imħallfin u Maġistrati ġodda, għalkemm ma hemm ebda obbligu legali li l-Ministru jikkonsulta mal-Prim Imħallef, il-prassi antika – li jidher li ġiet sospiża biss meta Sir Arturo Mercieca beda jingħata l-ġenb mill-amministrazzjoni ingliża f'Malta – li l-Prim Imħallef jigi kkonsultat attivament dwar ħatriet ġodda għall-bank tal-ġudikatura baqgħet tiġi segwita. U llum, meta l-Prim Imħallef ingħata s-setgħa mhux biss li jirrakkomanda lill-President ta' Malta l-qorti li fiha ġudikant għandu joqgħod, iżda li jassenja direttament huwa bejn diversi ġudikanti fl-istess qorti l-kawżi bejniethom, tali konsultazzjoni saret *sine qua non* jekk wieħed irid li l-affarijiet verament jimxu 'l quddiem. Jien xorta nibqa' ngħid, bħalma għidt pubblikament band'oħra, li l-aħjar sistema hija dik ta' *Judical Appointments Commission* possibbilment fi ħdan il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, pero` dik hija storja oħra.

L-istess relazzjoni ta' rispett reċiproku jiena konvint li teżisti wkoll bejn il-Ġudikatura min-naħa u l-Avukati u l-Prokuraturi Legali min-naħa l-oħra. It-tnejn nafu bil-problemi, kbar u żgħar, ta' xulxin, u t-tnejn impenjati biex, safejn jiddependi minna, nippruvaw dejjem ikollna amministrazzjoni tal-ġustizzja li tixraq lill-pajjiż ewropew membru ta' l-Unjoni Ewropea fis-seklu wieħed u għoxrin. Kif kont fissirtlek ftit wara li kont inti ġejt elett President tal-Kamra ta' l-Avukati u kien ġie elett ukoll il-Kumitat il-ġdid tal-Kamra, jiena dejjem dispost li niltaqa' miegħek jew ma' rappreżentanti tal-Kamra, anke bi pre-avviż qasir ħafna, biex niddiskutu problemi li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien, u biex dawn il-problemi nrażżnuhom mill-ewwel u ma nħalluhomx jiżviluppaw fi kriżijiet, li minnhom normalment igawdu biss sezzjonijiet tal-*media* jew min ikollu biss interessi ulterjuri u mhux ċertament l-aħjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Nieħu hawnhekk l-okkażjoni biex nerġa' nirringrazzja lill-ex Direttur Ġenerali Vanni Galea, li rtira fil-bidu tas-sajf, u lit-*team* tiegħu ta' Diretturi u Assistenti Diretturi. Dawn irnexxilhom, mhux mingħajr diffikulta`, iġibu l-ordni f'diversi oqsma ta' l-Amministrazzjoni tal-Qorti, u prinċipalment f'dawk li huma finanzi, b'mod ukoll li l-manutenzjoni ta' l-edifizzju tal-Qorti seta' jibda jsir aktar bis-serjeta`. Id-Direttur Ġenerali l-ġdid, Kevin Mahoney, li nifraħlu tal-ħatra l-ġdida tiegħu, ser ikollu, kif igħidu bl-ingliż, *a difficult act to follow*. Nieħu l-okkażjoni li nifraħ ukoll lid-Direttur il-ġdid Aldo Testone li, minn għada, wara li jieħu l-ġurament, ikun ukoll Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili. Inċidentalment, wieħed mill-ewwel xogħol li kellu jagħmel

id-Direttur Ġenerali l-ġdid kien proprju in konnessjoni ma' xi ħaġa li semmejt int, sur President, u cioe` l-possibilita` li jkun hemm *child care centre* għall-impjegati tal-Qorti, kif ukoll avukati u prokuraturi legali u ġudikanti, li jkollhom tfal żgħar u li pero` jixtiequ jkomplu jaħdmu. Aktar kmieni din is-sena jien għamilt rappreżentazzjonijiet formali kemm mal-Ministeru responsabbli mill-Familja kif ukoll mal-Ministeru tal-Ġustizzja, u naf li diġa` ltaqa' kumitat li qed jevalwa l-possibilita` ta' postijiet mhux 'il-bogħod mill-Qorti għal dan il-għan. Hija ħasra, infatti, li ħafna impjegati tal-Qorti li jkun tħarrġu wara ħafna snin u jkun effiċjentissimi, u li jkunu disposti jerġgħu jibdew jaħdmu wara l-*maternity leave* imqar jekk bis-sistema tal-*flexible time*, ma jkunux jistgħu jagħmlu dan għax ma jkollhomx post viċin fejn jistgħu jħallu t-tfal żgħar tagħhom għall-ftit siegħet li huma jidħlu l-Qorti.

Din is-sena rajna wkoll – u hawn indur fuqek, Sur President ta' Malta, biex nassigura ruħi li ma nkunx qed niżvela ebda sigrieti – il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tassumi rwol aktar attiv u assertiv f'diversi oqsma li jikkonċernaw, direttament jew indirettament, proprju l-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. Ċerti problemi li jikkonċernaw l-Amministrazzjoni tal-Qorti fir-rigward tar-riżorsi disponibbli għall-membri tal-Ġudikatura ġew, infatti, riżolti wara l-intervent tal-Kummissjoni.

Fi ftit ġimgħat oħra nispera li jkun disposnibbli wkoll is-sit ġdid ta' l-internet tal-Ġudikatura. Aktar kmieni din is-sena il-Ministeru responsabbli mill-Informatika ħa l-miżuri neċessarji biex dan il-*portal* ikun jista' jinbena. L-iskop ta' dan is-sit hu li jkun kontrollat minn u a dispożizzjoni ta', il-Ġudikatura u li ma jkunx jiddependi għall-kontenut tiegħu fuq il-Ministeru tal-Ġustizzja – dan ukoll bl-iskop li tiġi aċċentwata d-distinzjoni bejn l-Eżekuttiv u l-Ġudikatura. L-iskop ta' dan is-sit ser ikun simili ħafna għal dak tal-qrati ingliżi, u cioe` biex tingħata stampa aktar sħiħa tal-Ġudikatura, tal-funzjoni tagħha, tar-rwol ta' l-Imħallfin u l-Maġistrati. Ħlief għall-impjegati tal-Qorti, għall-Avukati u Prokuraturi Legali u għal min hu midħla tal-ġudikanti, fil-verita` l-pubbliku in ġenerali ftit li xejn jaf dwar x'nagħmlu u x'ma nagħmlux. L-idea tal-pubbliku in ġenerali hija distorta għax jew jeħduha indirettament mill-ftit rapporti ta' sentenzi li jidhru fil-gurnali – sentenzi li ma humiex verament rappreżentattivi tax-xogħol ta' l-Imħallfin jew Maġistrati – jew jeħduha direttament mill-ftit ħin li dak li jkun iqatta' fil-kuriduri tal-qorti u fl-awla, bħala parti

fil-kawża jew bħala xhud, meta l-perċezzjoni ta' dak li jkun tkun affetta jew mill-interess personali jew mill-frustrazzjoni ta' l-istennija. Nirringrazzja lill-Maġistrat Anthony Ellul li aċċetta li jieħu ħsieb mhux biss il-materjal li għandu jidhol f'dan is-sit, iżda anke li jkun il-*webmaster*, u nassigura lil kulħadd id-dewmien biex is-sit jiġi varat mhux tort tiegħu. Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja wkoll lill-Imħallef Farrugia Sacco li kien għeni niżviluppa l-idea għal sit bħal dan fl-ewwel lok xi żmien ilu, kif ukoll lill-Maġistrat Grixti li wkoll tani ideat u pariri siewja.

Naħseb li għal-lum għidna biżżejjed u forsi żżejjed. Nawgura lilkom, sinjuri avukati u prokuraturi legali, sena ta' xogħol seren, effiċjenti, minghajr ħafna skossi kemm ta' leġislazzjoni ġdida kif ukoll ta' evakwazzjonijiet minħabba theddid ta' bombi. Jiena u sħabi l-Imħallfin u l-Maġistrati impenjati li nagħtu l-aħjar servizz possibbli bir-riżorsi disponibbli, u niddependu fuq il-koperazzjoni lejali u l-għajnuna tagħkom biex inkunu nistgħu nassolvu l-ġurament li ħadna li namministraw il-ġustizzja ma' kulħadd.

Grazzi.